**28 ta’ Jannar**

## SAN TUMAS TA’ AQUINO, SAĊERDOT U DUTTUR TAL-KNISJA

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss ...*

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR ‘L ALLA

**V/.** Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

### Salm 94 (95)

**Ant.** Il-Mulej hu l-għajn ta’ l-għerf: ejjew nadurawh.

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Il-Mulej hu l-għajn ta’ l-għerf: ejjew nadurawh.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Il-Mulej hu l-għajn ta’ l-għerf: ejjew nadurawh.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Il-Mulej hu l-għajn ta’ l-għerf: ejjew nadurawh.

M'hux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Il-Mulej hu l-għajn ta' l-għerf: ejjew nadurawh.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Ant.** Il-Mulej hu l-għajn ta' l-għerf: ejjew nadurawh.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Ant.** Il-Mulej hu l-għajn ta' l-għerf: ejjew nadurawh.

# UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

## INNU

Xemx ta' dejjem, dawl ta' ruħna,
tifħir lilek minn qiegħ qalbna:
int sebbaħt il-ħlejjaq kollha
b'libsa bajda ta' dawl ħelu.

Fostna bgħatt l-Ispirtu tiegħek
ħalli jkebbes fl-art dwal ħajja,
biex idawwlu l-passi tagħna
tul it-triq tas-salvazzjoni.

U bil-ħidma siewja tagħhom
tawna d-dawl, biex nifhmu sewwa
it-tagħlim sabiħ ta' kelmtek
u l-ġmiel kbir ta' l-għerf tad-dinja.

Għalhekk aħna llum infaħħru
bniedem tajjeb, qaddej tiegħek,
li, għal għerfu u għal qdusitu,
tajtu l-glorja tad-dutturi.

Bit-talb tiegħu, Mulej Alla,
għinna nimxu t-triq tal-grazzja,
sa naraw is-sewwa kollu
wiċċ imbwiċċ fid-dehra tiegħek.

Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom

ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss ...*

## LEZZJONI II

Qari mill-Ġabriet ta' tagħlim, ta' San Tumas ta' Aquino, saċerdot

*Fis-salib insibu kull eżempju ta' virtù*

Xi ħtieġa kien hemm biex l-Iben ta' Alla jbati għalina? Kien hemm ħtieġa kbira, u nistgħu nsemmu żewġ raġunijiet: l-ewwelnett, kien meħtieġ biex ikollna għajnuna kontra dnubietna; it-tieni, biex ikollna eżempju ħalli nimxu fuqu.

Bħala għajnuna kontra l-ħsarat kollha li jiġu fuqna minħabba d-dnubiet, sibna l-għajnuna bil-passjoni ta' Kristu.

Iżda m'hijiex iċken il-fejda tagħha għal dak li hu eżempju. Għax il-passjoni ta' Kristu hi biżżejjed għall-formazzjoni tal-ħajja tagħna kollha kemm hi. Infatti, min irid jgħix ħajja perfetta ma għandux x'jagħmel ħlief imaqdar dak kollu li Kristu maqdar minn fuq is-salib u jixtieq dak li Kristu xtaq. Fis-salib ma nsibu nieqes ebda eżempju ta' virtù.

Jekk trid eżempju ta' mħabba: Ħadd ma għandu *mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.* Mela jekk Kristu ta ħajtu għalina, ma għandniex insibuha bi tqila biex inbatu kull deni għalih.

Jekk trid eżempju ta' sabar, l-aqwa wieħed issibu fis-salib. Hemm żewġ raġunijiet li jagħmlu s-sabar kbir: jew għax wieħed jistabar bi tbatijiet kbar; jew għax jistabar b'xi deni li jista' jbiegħdu minnu imma ma jbegħdux. Issa Kristu għadda minn tbatijiet kbar fuq is-salib, u stabar b'kollox, għax *meta bata, ma qagħadx jhedded; bħal ħaruf meħud għall-qatla, ma fetaħx fommu.* Mela kbir kien is-sabar ta' Kristu fuq is-salib: bis-sabar *nibqgħu niġru t-triq li għandna quddiemna, waqt li nżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna, hu, li għall-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu.*

Jekk trid eżempju ta' umiltà, ħares lejn l-Imsallab: infatti Alla għoġbu jkun iġġudikat u jmut taħt Ponzju Pilatu.

Jekk trid eżempju ta' ubbidjenza, imxi wara dak li obda minn Missieru sal-mewt: *Kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed,* jiġifieri Adam, *il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti.*

Jekk trid eżempju kif tmaqdar il-ħwejjeġ ta' l-art, imxi wara dak li, għalkemm hu *s-Sultan tas-slaten u Sid is-sidien,* għalkemm *fih hemm moħbija t-*

*teżori kollha ta' l-għerf u t-tagħlim,* huwa ħalla lill-ħżiena jneżżgħuh u jsallbuh, iżebilħuh, jobżqulu fuqu, isawwtuh, jinkurunawh bix-xewk, u fl-aħħarnett jisquh il-ħall u l-imrar.

Mela toqgħodx tinkwieta ruħek għall-ilbies u l-għana, għax *ħwejġi qasmu bejniethom;* anqas għall-unuri, għax hu ġarrab tmaqdir u swat; anqas għad-dinjità, għax *qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk;* anqas għall-pjaċiri, għax *sqewni l-ħall meta kont bil-għatx.*

## RESPONSORJU

Għerf 7:7-8; 9:17

R/. Jiena tlabt, u sirt għaqli; sejjaħt lil Alla, u mtlejt bl-għerf. * U dan l-għerf qistu aqwa mix-xettri u t-tronijiet, u ntbaħt li l-għana m'hu xejn ħdejh.

V/. Mulej, min qatt għaraf x'inhi r-rieda tiegħek jekk inti nnifsek ma tajtux l-għerf u ma bgħattx fuqu mill-għoli l-Ispirtu qaddis tiegħek. * U dan l-għerf qistu aqwa mix-xettri u t-tronijiet, u ntbaħt li l-għana m'hu xejn ħdejh.

## TALBA

O Alla, inti tajtna f'San Tumas ta' Aquino sinjal ċar ta' ħeġġa għall-qdusija u ta' ħerqa għat-tagħlim imqaddes; agħmel li nifhmu sewwa kull ma għallem u li nsiru nixbħuh fl-imġiba ta' ħajtu. B'Ibnek Ġesù Kristu, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA’ SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU

Lilek inqimu, Kristu, għax int waħdek
L-Imgħallem tagħna t-tajjeb u ta’ dejjem;
nemmnu li tabilħaqq int waħdek għandek
il-kliem tal-ħajja.

Int hu ir-Ragħaj it-tajjeb li, bla heda,
issaħħaħ kull ma tgħid l-Għarusa tiegħek,
sabiex bi kliemha tkun id-dawl tal-ħajja
għad-dinja kollha.

Għażilt qaddejja, dwal ta’ l-għerf għamilthom,
bħal kwiekeb ta’ deheb fin ixerrdu d-dija,
u jfissru b’għaqal kbir it-tagħlim veru
li jagħti l-ħajja.

Tassew jistħoqqlok kull foħrija, Mgħallem,
għall-ġid ta’ l-għaġeb ta’ l-Ispirtu tiegħek
li bihom tqassam lilna, biex nitwettqu
fid-dawl ta’ kelmtek.

Għat-talb tal-ġust li llum qegħdin infakkru,
mexxina f’dan il-ġmiel ta’ dawl, o Kristu ,
sakemm il-poplu tiegħek jiġi jfaħħrek
fid-dawl ta’ dejjem. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss …*

**LEZZJONI QASIRA** **Għerf 7:13-14**

Tgħallimt l-għerf bla ebda fehma ħażina, u t-tagħlim li ħadt ma għandix sogħba ngħaddih lill-oħrajn ; ma rridx naħbi l-għana tiegħu. Hu teżor bla qiegħ

għall-bnedmin, u dawk kollha li jiksbu lilu jiksbu wkoll il-ħbiberija ta' Alla, għax minħabba d-doni tat-tagħlim isiru jogħġbuh.

## RESPONSORJU QASIR

R/. L-għerf tal-qaddisin * Ixandruh il-popli. L-għerf.
V/. U l-Knisja ttenni t-tifħir tagħhom. * Ixandruh il-popli. Glorja. L-Għerf.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Imbierek il-Mulej, li għall-imħabba tiegħu San Tumas għadda ħajtu jistudja, jishar u jaħdem.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
    għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
    f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
    b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
    u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
    u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
    li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
    naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
    bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
    għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
    bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
    li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
    fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
    ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
    u lill-Ispirtu s-Santu,

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Imbierek il-Mulej, li għall-imħabba tiegħu San Tumas għadda ħajtu jistudja, jishar u jaħdem.

**PREĊI**

Kristu hu r-ragħaj it-tajjeb li ta ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. Inroddulek ħajr, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:

*Irgħa l-poplu tiegħek, Mulej.*

Kristu, int għoġbok tqiegħed fil-Knisja tiegħek rgħajja qaddisin bħal eżempju tat-tjieba u l-imħabba tiegħek:
- ibqa' uri l-ħniena tiegħek magħna b'rgħajja bħalhom.
Int għadek taqdi l-uffiċċju ta' ragħaj spiritwali permezz ta' dawk li tqiegħed f'ismek fuq il-merħla tiegħek:
- żommna dejjem fit-triq it-tajba taħt il-ħarsien tal-mexxejja tagħna.
Bil-qaddisin tiegħek, li f'idejhom tafda l-popli, turina lilek innifsek bħala t-tabib tar-ruħ u tal-ġisem:
- kompli fina bla heda l-ministeru tal-ħajja u l-qdusija.
Int tipprovdi bnedmin qaddisa biex jirgħu l-merħla tiegħek bl-għaqal u bl-imħabba;
- xerred id-doni tiegħek fuq ir-rgħajja spiritwali tagħna f'dawn il-gżejjer biex jagħarfu jqaddsuna.

**Missierna**

**Talba**

O Alla, inti tajtna f'San Tumas ta' Aquino sinjal ċar ta' ħeġġa għall-qdusija u ta' ħerqa għat-tagħlim imqaddes; agħmel li nifhmu sewwa kull ma għallem u li nsiru nixbħuh fl-imġiba ta' ħajtu. B'Ibnek Ġesù Kristu, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Għeluq**
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ammen.**

## L-GĦASAR

### INNU

Xemx ta' dejjem, dawl ta' ruħna,
tifħir lilek minn qiegħ qalbna:
int sebbaħt il-ħlejjaq kollha
b'libsa bajda ta' dawl ħelu.

Fostna bgħatt l-Ispirtu tiegħek
ħalli jkebbes fl-art dwal ħajja,
biex idawwlu l-passi tagħna
tul it-triq tas-salvazzjoni.

U bil-ħidma siewja tagħhom
tawna d-dawl, biex nifhmu sewwa
it-tagħlim sabiħ ta' kelmtek
u l-ġmiel kbir ta' l-għerf tad-dinja.

Għalhekk aħna llum infaħħru
bniedem tajjeb, qaddej tiegħek,
li, għal għerfu u għal qdusitu,
tajtu l-glorja tad-dutturi.

Bit-talb tiegħu, Mulej Alla,
għinna nimxu t-triq tal-grazzja,
sa naraw is-sewwa kollu
wiċċ imb'wiċċ fid-dehra tiegħek.

Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu faraġ tagħna. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss ...*

**LEZZJONI QASIRA** Ġak 3:17-18

L-għerf li ġej minn fuq, qabel kollox huwa għerf safi, mbagħad hu għerf li jfittex is-sliem, it-tjubija u l-irġulija, kollu ħniena u frott ta' l-għemil tajjeb, bla ma jħares lejn l-uċuh u bla qerq. Għal dawk li jfittxu jnisslu s-sliem, il-frott tal-ġustizzja hu miżrugħ fis-sliem.

**RESPONSORJU QASIR**

R/. Il-Mulej fetaħlu fommu * F'nofs il-Knisja tiegħu. Il-Mulej.
V/. U mlieh bl-ispirtu ta' l-għerf u d-dehen. * F'nofs il-Knisja tiegħu. Glorja. Il-Mulej.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Alla tah għerf kbir ta' l-għaġeb, li hu tgħallmu mingħajr ħsibijiet imgħawwġa, u għaddieh lil oħrajn bla ebda għira.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *

b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Alla tah għerf kbir ta' l-għaġeb, li hu tgħallmu mingħajr ħsibijiet imgħawwġa, u għaddieh lil oħrajn bla ebda għira.

## PREĊI

Kristu hu l-Qassis il-Kbir, imqiegħed għall-bnedmin f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Alla. Nagħtuh tifħir xieraq, u bl-umiltà kollha nitolbuh u ngħidulu:
*Salva lill-poplu tiegħek, Mulej.*
Int xerridt dawl ta' l-għaġeb fuq il-Knisja tiegħek permezz ta' mexxejja kbar u qaddisa:
- ferraħ dejjem u sebbaħ bl-istess dawl lill-poplu nisrani.
Int ħfirt id-dnubiet tal-poplu tiegħek kull meta r-rgħajja qaddisa talbuk bħal Mosè:
- bit-talb tagħhom ibqa' saffi u qaddes il-Knisja tiegħek.
Int ikkonsagrajt għalik il-qaddisin tiegħek minn fost l-aħwa u bgħatt fuqhom l-Ispirtu tiegħek:
- agħti l-milja ta' l-Ispirtu s-Santu lill-mexxejja kollha tal-poplu tiegħek.
Inti nnifsek għoġbok tkun is-sehem u l-wirt tar-rgħajja qaddisa tiegħek:
- tħallix li xi ħadd minna l-mifdija b'demmek jibqa' mingħajrek.
Bir-rgħajja tal-Knisja inti tagħti l-ħajja ta' dejjem lin-nagħaġ tiegħek, biex ħadd ma jaħtafhomlok minn idejk:
- salva lil ħutna l-mejtin li għalihom tajt ħajtek.
**Missierna**

## Talba

O Alla, inti tajtna f'San Tumas ta' Aquino sinjal ċar ta' ħeġġa għall-qdusija u ta' ħerqa għat-tagħlim imqaddes; agħmel li nifhmu sewwa kull ma għallem u li nsiru nixbħuh fl-imġiba ta' ħajtu. B'Ibnek Ġesù Kristu, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Ammen.**